KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Għoxrin (20)***

***It-Tlieta, 16 ta' Ġunju, 2020***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' b'mod virtwali ghal-Laqgha tal-Kunsill fil-hamsa ta' wara nofsinhar (5:00pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**20.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

20.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apologiji.

**20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

20.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 18 li nzammet nhar it-Tlieta , 19 ta' Mejju, 2020.

20.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 18 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

20.2.3 **Mozzjoni 20-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 18.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 18 gew approvati unanimament.

20.2.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 19 li nzammet nhar it-Tlieta, 9 ta' Gunju, 2020.

20.2.5 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 19 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

20.2.6 **Mozzjoni 20-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 19.

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Minuti Numru 19 gew approvati unanimament.

*F'dan l-istadju tal-laqgha attenda l-Kunsillier Andreas Gatt.*

## 20.3 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta’ Pagamenti</u>

**A. *Skeda ta’ Pagamenti : Numru 20 (08) – Gunju 2020***

20.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 20(08) biċ-ċekkijiet numru 7037 sa 7069 li tammonta €23,096.48

20.3.2 **Mozzjoni 20-03**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta’ l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 20(08) bl-ammont ta' €23,096.48 kif ukoll l-ammont imnizzel f’materja numru

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 20(08) giet approvata unanimament.

## 20.4 <u>Proposta ghall-bini ta’ skola f’Dawret Hal Ghaxaq</u>

20.4.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli fethet id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qalet li dwar din il-proposta il-Kunsill ghandu joggezzjona fuq l-impatt ambjentali li dan il-progett se jkun qed ihalli kif ukoll li dan il-progett se jsir fuq zona li hija ODZ.

20.4.2 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li l-Kunsill ghandu joqghod attent x’pozizzjoni jiehu minhabba li kien hemm applikazzjonijiet ohrajn ta’ bini fl-ODZ fejn il-Kunsill ma kienx oggezzjona dwarhom.

*F’dan l-istadju tal-Laqgha attenda l-Kunsillier Keith Fenech.*

20.4.3 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li iz-zona mhiex ODZ imma hija mmarkata bhala *area* li fiha tista timbena skola. Huwa kompla billi qal li f’dan l-istadju, ikun ahjar jekk il-Kunsill minflok joggezzjona, jiltaqa’ mal-applikanti u jiddiskuti din il-proposta.

20.4.4 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li l-Kunsill ghandu jikkunsidra l-vuci tal-poplu u hafna mir-residenti huma kontra li jsir dan il-progett. Ghaldaqstant temmen li l-Kunsill ghandu joggezzjona minhabba l-fatt li dan il-progett se jzid hafna traffiku fil-lokalita’ u se jhalli impatt ambjentali.

20.4.5 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li jekk il-Kunsill jiltaqa’ mal-applikant ikun jista’ jiddiskuti l-opportunita’ li jibbenefika minn xi facilitajiet tal-progett bhal uzu tal-grounds ecc..

20.4.6 Is-Sindku Darren Abela qal li jaqbel li niltaqghu mal-applikanti u nkellmu lill-Perit. Wara li niddiskutu, il-Kunsill jista jkun iktar f’pozizzjoni li jiehu decizjoni.

**20.5 Korrispondenza**

20.5.1 Rigward ix-xoghlijiet tal-Bypass, il-Kunsillier Andreas Gatt qal li l-ahjar li niehdu pozizzjoni sabiex meta jinghata it-tieni saff ikun hemm *diversions* ahjar u titranga is-*central strip*.

20.5.2 Tressqet kwotazzjoni sabiex titranga l-funtana li hemm fil-Bypass. Is-Sindku Darren Abela qal diga gew mghoddija l-pajpijiet biex il-funtana tiffunzjona, ghaldaqstant se jkun qieghed ikellem lill-kuntrattur li baghat il-kwotazzjoni sabiex jinstalla il-pompa.

20.5.3 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex jigu nstallati bollards fi Triq Birzebbuga vicin residenza. Il-Kunsill approva li jitwahhlu zewg bollards.

20.5.4 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex Triq Dun Mattew Sciriha tinghalaq bil-bollards. Il-Kunsill ma jaqbilx li din it-triq tinghalaq bil-bollards, u jekk hemm ksur ta' regolamenti, dawn ghandhom jigu rrapurtati lill-LESA sabiex isir sorveljanza.

20.5.5 Tressqet korrispondenza minghand Avukat ta' resident li joqghod fi Triq San Gorg dwar il-hsieb tal-Kunsill li l-isqaq jinghata bil-konkos. Minhabba li jidher li hemm kwistjonijiet bejn ir-residenti, il-Kunsill ihoss li m'ghandux ghalfejn jidhol fi kwistjonijiet dwar jekk parti mill-art hiex pubblika jew le. Dan ghandu jsir bejn ir-residenti stess billi jibghatu lill-Lands sabiex jaraw jekk l-art hiex pubblika. Sadanittant il-konkos ghandu jinghata fi sqaq iehor.

**20.6 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

20.6.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-bus shelter ta' Triq il-Bizzilla. Huwa informa li se jmur jiltaqa' maghhom. Il-Kunsill jaqbel li jekk hemm bzonn isir u jkun hemm certu spazju ghandu jitnehha l-parking.

20.6.2 Rigward il-Laqgha tal-Kunsill li jmiss, is-Sindku Darren Abela ppropona li din issir fil-bini tal-Kunsill. Dwar dan il-Kunsill qabel.

20.6.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex issir *road hump* ohra fi Triq l-Andar. Il-Kunsill ma jaqbilx li ssir.

20.6.4 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar is-saqaf tal-garaxx fejn qal li qed tidher ix-xibka. Il-Kunsill qabel li jkellem lill-perit biex jara x'jista jsir.

20.6.5 Is-Sindku Darren Abela qal li qed ikollu problema dwar xoghlijiet pendenti minghand il-Perit. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li jibghat korrispondenza lill-Perit dwar l-affarijiet kollha pendenti u jinghata zmien stipulat sabiex jibghat dawn ir-rekwiziti.

20.6.6 Is-Sindku Darren Abela qal li sabiex isir il-*Bill of Quantities* tal-progett tal-*picnic area* f'Has-Saptan. l-ewwel irid isir *Land Survey*. Il-Kunsillier Andreas Gatt qal li se jkellem lil xi hadd sabiex jibghat kwotazzjoni.

**20.7 Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri**

20.7.1 Il-Kunsillier Andreas Gatt ippropona li l-Kappillan jinghata rikonoxximent f'Gieh Hal Ghaxaq ghall-ghajnuna li taha lir-resident waqt il-pandemija COVID-19. Il-Kunsill qabel li tittiehed in-konsiderazzjoni meta jkun hemm in-nomini ta' Gieh Hal Ghaxaq.

20.7.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li tkellmet ma xi hadd tal-ERA sabiex isir il-progett tas-sigar wara l-ground il-kbir. Il-Kunsillier Andreas Gatt qal li minhabba l-ammont ta' skart li hemm wara l-ground, il-Kunsill ghandu jibghat lill-Cleansing biex naraw jistghux inaddfu.

20.7.3 Il-Vici Sindku fakkret ukoll sabiex issir il-hadida fi Gnien 2000 ghax hemm hafna talbiet ghaliha. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li se terga tfakkar il-kuntrattur dwarha.

20.7.4 Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li jinxtraw fjuri sabiex jinzerghu fil-konki li hemm quddiem l-iskola. Il-Kunsill qabel.

20.7.5 Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li jinghata rikonoxximent lill-haddiema tal-OZO meta jkunu se jieqfu jaghtu servizz lil-lokalita'. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni.

20.7.6 Rigward it-tender tal-knis, il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li qed ikun hemm hafna ilmenti rigward knis, fejn il-kuntrattur qed jigi infurmat minhabba xi nuqqasijiet u dawn jibqghu ma jsirux. Ghaldaqstant ipproponiet li tinzamm lista tal-ilmenti sabiex jekk ikun hemm bzonn jinhargu *default notices*.

20.7.7 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm bicca kurduna mkissra fi Triq il-Hannieqa sabiex titranga. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li se tghid lill-haddiema.

20.7.8 Il-Kunsillier Andreas Gatt qal li hemm bzonn jinqata' l-haxix fejn il-monument tal-annimali.

20.7.9 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li hemm bzonn jinqata' l-haxix fiz-zona ta' Triq il-Qattus.

20.7.10 Il-Kunsillier Keith Fenech gibed l-attenzjoni li l-fanal li tnehha mill-bandli u tpogga wara l-ground, xi hadd milli qed jahdem hemm caqalqu u resqu minghajr ma kkonsulta mal-Kunsill. Ghaldaqstant ghandna niccekjaw jekk saritx xi hsara.

**20.8 Mozzjonijiet**

20.8.1 Annessi mal-Minuti

**20.9 Tmiem tal-laqgha u d-data tas-seduta li jmiss**

20.9.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal 14 ta' Lulju 2020 fil-5.30pm

Il-Laqgha ntemmet fid-8.45pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Ezekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 20**

**Mozzjoni Ref:** 20-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 18

| | |
|---|---|
| **Rose Agius** | **Christine Dalli** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 16 ta' Gunju 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 20**

**Mozzjoni Ref:** 20-02

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 19

| | |
|---|---|
| **Christine Dalli**<br>**Proponent** | **Rose Agius**<br>**Sekondant** |

**Data:** 16 ta' Gunju 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 20**

**Mozzjoni Ref:** 20-03

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-Iskeda ta’ Pagamenti Numru 20

| | |
|---|---|
| **Andreas Gatt**<br>**Proponent** | **Rose Agius**<br>**Sekondant** |

**Data:** 16 ta’ Gunju 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**